# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 23 ta’ April 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Clayton Fava**

**Kumpilazzjoni Nru: 559/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Clayton Fava u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 345887(M).

**Akkuzat talli** bejn it-12 ta’ Settembru 2017 u 22 ta’ Settembru 2017 minn Triq San Piju V, Zabbar f’dawn il-gzejjer:-

1. Ikkommetta serq ta’ cable tad-dawl li jammonta ghal €460.59 ghad-dannu ta’ l-Ghaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, Zabbar, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorriex l-ammont ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 289, 49, 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li

gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

3. U aktar talli fl-istess xahar kiser ordni ta' supervizjoni moghtija lilu fl-01 ta' Settembru, 2015.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b'serq aggravat u recidiva. Dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw mhux biss mill-provi prodotti imma anke mill-ammissjoni.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bi ksur ta' ordni ta' supervizzjoni. Ai termini ta'l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta persuna titsa titpogga taht ordni ta' supervizzjoni b'zieda mal-piena meta fil-konfront taghha tinghata sentenza sospieza ai termini ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9. Jekk dik il-persuna mbaghad tinstab hatja ta' reat imwettaq waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospieza u konsegwentment waqt il-perjodu li fih ikun ghadu fis-sehh l-ordni ta' supervizzjoni[1] il-konsegwenza tkun li s-sentenza sospieza tiddahhal fis-sehh, u ai termini ta'l-artikolu 28G(5)(h) l-ordni ta' supervizzjoni ma jibqax fis-sehh. Alternattivament, f'kaz ta' twettieq ta' reat waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospieza, il-Qorti tista' tastjeni milli ddahhal is-sentenza sospieza fis-sehh pero jkollha l-fakolta li ggedded il-perjodu operativ tas-sentenza sospieza u l-perjodu ta' supervizjoni.

Illi l-artikolu 28G jipprovdi ukoll[2] li jekk il-hati jonqos li joqghod ghall-htigijiet tas' l-ordni ta' supervizzjoni l-Qorti tista, wara li jsirilha rapport bil-

[1] Jekk ma jkunz ghal perjodu iqsar mill-perjodu operativ tas-sentenza sospieza.
[2] Fis-subiniz 9.`

miktib mill-uffijcal sorveljant, u jekk tkun sosdisfatta li n-nuqqas sehh, jew tikkundanna lill-hati ammenda jew ddahhal is-sentenza sospieza fis-sehh skond is-serjeta tan-nuqqas.

Illi ghalhekk huwa car li l-Qorti tista' tiehu provvediment fil-konfront tal-hati jew fuq rapport ta'l-ufficjal sorveljant billi jew timponi ammenda jew ddahhal s-sentenza sospieza fis-sehh, jew wara li jinstab hati li wettaq reat fil-perjodu operativ ta' sentenza sospieza billi ddahhal s-sentenza sospieza fis-sehh b'mod li l-ordni ta' supervizzjoni ma jibqax fis-sehh.

Illi tenut kont ta' dan, u fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, huwa car li "ir-reat" jew l-abbedietu fit-tielet imputazzjoni mhux previst mill-Ligi u ghalhekk ma jistax jirrizulta. Konsegwentement u minkejja l-ammissjoni ta'l-imputat l-Qorti ma tistax issibu hati ta' din it-tielet imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u l-fedina penali refrettarja ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat kien inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti biex jirrabilita lilu nnifsu permezz ta' liberta kondizzjonata u ordnijiet ta' probation imma jidher li l-imputat m'ghararfx jilqa' l-ghajnuna li nghatatlu u baqa jippersisti b'agir kriminuz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(f), 267, 270 u 289, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax il-xahar prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**